**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA’ LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 16

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 22 ta’ Lulju, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fit-8:30 ta’ filgħodu.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm l-ebda membru assenti b’apoloġija

### ASSENTI:

Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 15

16.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħmistax -il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

16.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

16.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tal-ħmistax-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-Sur Dalli qal li kellu meeting ma' IM u l-Kuntrattur li ser jaħdem l-Isqaqin ta' Triq il-Forn Nru: 3,6 u Triq Il-Kunċizzjoni Sqaq Nru 1. Kellu jinbeda x-xogħol minn Sqaq Nru 6, iżda minħabba li nstab shelter u kellu jiġi riferut lil Heritage Malta u għalhekk ix-xogħol inbeda minn Triq il-Forn.

16.3.2 Is-Sur Dalli tkellem fuq laqgħa li attenda tal-AKL għall-membri tar-Reġjun Lvant fuq integrazzjoni tal-barranin fil-lokalita.

***Il- Ħin kien 8:38am x'ħin waslet il-Kunsillier Diane Abela Penza***

16.3.3 Is-Sindku spjega kif iltaqgħu lkoll is-Sindki jew rappreżentant tiegħu ta' madwar 9 lokalitajiet fis-Sede Amministrattiva tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard ma' l-Ombudsman dwar il-ħsejjes tal-Mużika li qed taffetwa l-konfini ta' dawn il-lokalitajiet tal-qrib. Il-Kunsill issa ġie mitlub, biex jekk hu l-każ issir komunikazzjoni lil Ombudsman jekk fil-Lokalita ta' Ħal Lija hemm xi użu ta' muzika minn ħwienet/bars lokali.

16.3.4 Is-Sindku tkellem dwar is-Sibt 19 ta' Lulju 2025, fejn ġewwa il-binja tal-Kunsill Lokali huwa iltaqgħa ma' l-Għaqdiet li jorganizzaw il-Festa flimkien mal-Kappillan u l-Pulizija tad-distrett. Issemmew xi problemi, ġew diskussi u risolti dak il-ħin.

16.3.5 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif l-amministrazzjoni tal-Kunsill qiegħda bħal kull sena toħroġ il-permessi tal-gabbani u ġiet msejħa laqgħa mas-sidien ta' dawk il-gabbani li s-sena l-oħra kien hemm xi problemi. Dawn il-problemi qed jiġu solvuti biex ma jerġawx jirrepetu ruħhom ħalli r-residenti tal-madwar ikunu jistgħu jgawdu l-festa u il-bejjiegħa jkunu jistgħu minn naħa l-oħra jaqilgħu l-għexien tagħhom bla problemi.

16.3.6 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħlijiet tal-bankini fi Triq il-Mitħna fejn qal li dawn jinsabu fi stadju avvanzat ħafna u jidher li ser jingħata ukoll wiċċ ġdid f'xi parti mill-istess triq.

16.3.7 Is-Sur Dalli qal kif l-amministrazzjoni tal-Kunsill taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, qed jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jinħarġu l-permessi neċċessarji għal żmien il-festa. Spjega kif bħas-soltu mhux ser jingħataw permessi ta' xogħlijiet fil-qalba tal-lokalita għal perjodu mill-1 ta' Awwissu sas-7 ta' Awwissu (iż-żewġ dati nklużi). Is-Sindku kompla jgħid kif dan huwa xogħol li jieħu ħafna ħin u delekat, għalhekk għal dawn il-jiem qed jiġu ddedikati r-riżorsi kollha għal dawn ix-xogħlijiet. Dan inkluż il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill li qegħdin jagħmlu ħafna xogħol relatat mal-Festa, u oħrajn qed jaħdmu fuq it-trasport ta' l-anzjani li żdied ħafna.

16.3.8 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif il-latrina pubblika fil-Pjazza n-naħa tan-nisa ġiet għan-normal u s-servizz qed jingħata bħal qabel. Hemm dawl.

16.3.9 Is-Sindku qal li kif kien mitlub minnu fis-seduta preċedenti, huwa għamel kuntatt mal-Kuntrattur li huwa nkarigat mix-xogħol ta' wiċċ ġdid li jrid isir fi Triq ex-preziosi u sqaq nru 2. Il-Kuntrattur infurmat li jekk hemm il-permessi kollha se jibda mmedjatament. Għandu jerġa jsir komunikat ta' konferma mill-kuntrattur fil-jiem li ġejjien.

## 16.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

16.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 16.5 Korrispondenza

16.5.1 Mistoqsijiet dwar ir-rapport tal-korrispondenza ma kienx hemm.

## 16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) 2024

16.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tpoġġiet l-Ittra ta' Direzzjoni 2024 bid-data 18 ta' Ġunju, 2025, li minkejja din id-data waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill fil- 5 ta' Lulju, 2025.

16.6.2 Fuq il-Mejda tpoġġiet ukoll ir-risposta ta' din l-Ittra tad- direzzjoni 2024, li ġiet issuġġerita, bid-data 22 ta' Lulju, 2025.

16.6.3 Kopja ta' din l-Ittra ta' Direzzjoni flimkien mar-risposta ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

16.6.4 Il-Kunsill approva l-Ittra ta' Direzzjoni 2024 unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini li kien issekondat mis- Sindku Anthony Dalli u kif ukoll qabel li tintbgħat ir-Risposta ssuġġerita.

## 16.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-tieni rapport ta' kull kwart għal perjodu Jan-Ġun 2025

16.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jan-Ġun 2025.

16.7.2 Is-Sindku ta spjegazzjoni dettaljata fuq dan ir-rapport preżentat u wara saret diskussjoni dwar il-figuri.

16.7.3 Ir-Rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jan-Ġun 2025 ġie approvat unanimament mill-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Kunsillier Carl Betts.

## 16.8 Aġġornament fuq Jum Ħal Lija 2025

16.8.1 Is-Sindku Anthony Dalli qal kif overall il-programm ta' Jum Ħal Lija kien ta' suċċess. Huwa kompla jgħid però kif kien hemm attivitajiet li marru aħjar minn oħrajn kemm bħala attendenza u kif ukoll bħala feedback li huwa kellu mingħand in-nies. L-attivita taż-żgħażagħ kienet daqsxejn ta' diżappunt u filfatt spiċċat tħassret.

16.8.2 L-attivitajiet l-oħrajn fosthom, it-tours, u l-attivta tal-familja, minkejja li xorta kellhom attendenza baxxa, bħala attivitajiet marru tajjeb ħafna u ntoġġħbu minn nies li attendew.

16.8.3 Is-Sur Dalli qal kif il-Kunsill fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jibgħat ittri ta' ringrazzjament lill-għaqdiet tal-boċċi, padel u tennis tal-parteċipazzjoni tagħhom f'Jum Ħal Lija waqt l-attivita tal-familja u kif ukoll lil Ministru Julia Farrugia li għal darb oħra reġgħa akkomodat lil Kunsill ġol-Ministeru fejn sar il-BBQ tal-anzjani.

***Il-Ħin kien 9:01am x'ħin inqata d-dawl, però l-laqgħa xorta waħda kompliet għaddejja***

## 16.9 Festa Salvatur 2025

16.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku tat update dwar il-preparamenti tal-festa li qiegħdin inseħħ. Bażikament is-Sa Seguna spjegat kif il-preparamenti huma simili bħas-sena 2024. Il-preparamenti li ġew diskussi huma kif spjegat hawn taħt.

16.9.2 Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ordna 20 bin mingħand il-Kuntratt tal-knis biex fiż-żmien tal-festa jitpoġġew minn Robert Mifsud Bonniċi l-isfel. Dawn il-bins ser ikunu qed jitnaddfu kollha ukoll inkluż dawk li hemm mill-Pjazza sa tul Vjal it-Trasfigurazzjoni kollha.

16.9.3 Il-Kunsill ordna ukoll 26 bin kif offruti mir-Reġjun Lvant u l-Cleansing Department biex dawn jitpoġġew fil-Pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni.

16.9.4 Il-Kunsill ordna ukoll lil kuntrattur tal-knis biex jinkinsu ċertu toroq b'mod aktar frekwenti f'ċertu dati kif sar fi snin rikurrenti, mill-Ħadd 27 ta' Lulju sal-Ħamis 7 t' Awwissu. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din il-lista u semmiet l-ismijiet tat-toroq kollha f'aktar dettal. Il-Kunsilliera ġew infurmati ukoll kif rigward il-Knis il-Kunsill talab għal servizz addizzjonali mingħand il-Cleansing Department għal sweeping machine biex din tiknes u tnaddaf it-toroq b'mod speċjali minn fejn tgħaddi l-purċissjoni fid-dati mill-4 sas-7 t'Awwissu, kull filgħodu.

16.9.5 Il-Latrini Pubbliċi ser ikunu qed jitnaddfu bħas-soltu ukoll. Bejn il-Ħadd 27 ta' Lulju u l-Erbgħa 6 t'Awwissu iż-żewġ Latrini, tal-Pjazza u l-Ġnien ser jinżammu 24 siegħa miftuħa bi attendant biex ikun hemm indafa assoluta.

16.9.6 Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ħareġ anke avviż fil-gazzetta tal-Gvern biex ma jsirx parkeġġ kif ġej:
Il-Ħadd 27 ta' Lulju bejn 17:00-01:00 fil-Pjazza Trasfigurazzjoni u parti minn Triq Sir Ugo Mifsud;
Il-Ħadd 27 ta' Lulju bejn 07:00-24:00 fi Triq G. Barbara;
Mill-Ġimgħa 1 u l-Ħamis 7 t'Awwissu bejn 07:00-24:00 fi Triq G.Barbara;
Mill-Ġimgħa 1 u l-Ħamis 7 t'Awwissu bejn 16:00-01:00 fi Pjazza Trasfigurazzjoni, l-ewwel parti ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni u parti minn Triq Sir Ugo Mifsud;
It-Tlieta 5 t'Awwissu bejn 17:00-02:00 fi Triq Sir Ugo Mifsud u
L-Erbgħa 6 t'Awwissu bejn 17:00-24:00 fi Triq il-Knisja u Triq il-Forn Sqaq nru 2.

16.9.7 Fuq suġġeriment tas-Sa Abela Penza, is-Sur Dalli qal li ser jinforma l-għaqdiet li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv (tal-padel/boċċi/tennis) li parkeġġ ser ikun ipprojbit fi Triq G.Barbara minħabba n-nar tal-art kif spjegat fil-gazzetta tal-gvern, dan ħalli membri li jifrekwentaw dawn l-għaqdiet ikunu nfurmati wkoll.

16.9.8 Kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha biex bħal ma wkoll sar fi snin rikorrenti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali li jingħataw 1,000 EUR lill-Kappillan, 800 EUR lill-Każin Sant Andrija, 800 EUR lill-Każin San Pio X, 1,454.93 EUR spejjeż ta' fire engine lill-Għaqda tan-Nar u 720 EUR lill-Għaqda Festi Esterni.

16.9.9 Is-Sindku Anthony Dalli reġgħa fakkar kif flus għall-uffiċjali tal-komunita din is-sena m'hemmx. Pero huwa kompla jgħid kif il-Kunsill għandu jordna uffiċjali tal-pulizija għal bżonn t'għeluq ta' toroq kif spjegat hawn taħt:
5 t' Awwissu pulizija wieħed fi Triq Sir Ugo Mifsud bejn 19:00-01:00;
5 t' Awwissu pulizija wieħed fil-cross road ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni ma' Triq Robert Mifsud Bonniċi bejn 19:00-24:00;
6 t' Awwissu pulizija wieħed Triq is-Salvatur ma' Triq Fernand Gregh bejn 18:00-23:00; u
6 t'Awwissu pulizija wieħed fi Triq Ramiro Barbaro ma' Triq Robert Mifsud Bonniċi bejn 18:00-23:00.
Il-Kunsill kollu qabel dwar dan minnufih.

## 16.10 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

16.10.1.1 <u>Tender Opening Report – Manutenzzjoni tal-Ġonna u Playingfields</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tad-dokument tal-opening report tat-tender tal-Manutenzzjoni tal-ġonna u playingfields. Kopja tad-dokument intbgħatet lil Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-Kunsill Lokali rċieva offerta waħda biss li hija daqsxejn aktar għolja mill-budget estimat u skond l-allokazzjoni li għandu l-Kunsill.

16.10.1.2 Minħabba li l-offerta hija aktar għolja mill-budget allokat u l-allokazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill kiteb għal parir lid-Direttur tal-Gvern Lokali u l-Kunsill qed jistenna risposta ta' kif għandu jipproċedu mingħand is-sezzjoni tal-procurement. Id-Direttur wieġeb li hija deċiżjoni tal-Kunsill jekk jaċċettax jew jwaqqax l-offerta. Minkejja li l-offerta aktar għolja l-Kunsill xorta jista jaċċettaha diment li għandu flus biżżejjed fil-kont bankarju tiegħu u jaħseb li jista jiflaħ għall-ispiża. Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv qalu li ser jistennew risposta aktar ċara mingħand is-sezzjoni tal-procurement għaliex anke l-evalwaturi rrimarkaw li hija aktar għolja, u l-Kunsill mhux ser jieħu deċiżjoni mgħaġġla għaliex kemm jista jkun ma jixtieqx li jkollu appelli. Però l-Kunsill għandu flus biżżejjed fil-bank.

16.10.1.3 Ser isir komunikat mal-Kunsilliera kollha appena l-Kunsill ikollu risposta finali mingħand il-procurement ta' DLG biex tkun tista tibda l-evalwazzjoni mill-Evalwaturi approvati, li huma s-Sur Chris Falzon, s-Sa Romina Periċi Ferrante u s-Sur Duncan Hall. Il-Kunsilliera qablu u ħadu nota.

16.10.2.1 <u>Attivita 'Innovative food'</u>

Inkonnessjoni mas-seduta preċedenti ngħata update dwar l-attivita li l-Kunsill qabel li jorganizza tat-tisjir 'Innovative food'. Is-Sa Seguna u s-Sa Farrugia Muscia qalu kif wara meeting li sar ma' uffiċjal mill-ITS ġie spjegat fil-qosor li din l-attivita tista ssir fid-9 t' Awwissu bejn 9:00am-13:00pm fejn ssir sezzjoni ta' tisjir ta' ikel kiesaħ innovattiv għar-residenti. Ġie spjegat ukoll kif dan il-kors isir biss jekk jkun hemm 15 il-parteċipant għaliex b'inqas ma ssirx u titħassar. Il-prezz huwa 44 EUR ir-ras u t-tisjir ser ikun jista jittieħed id-dar mal-parteċipanti. Kollox ser ikun provdut mill-ITS u residenti jridu jġibu biss il-container u fradal taħghom.

16.10.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill jixtieq jipproċedi biex din is-sezzjoni ssir kif pjanat u kien hemm qbil li din ssir u bl-kollaborazzjoni tal-Kunsill il-prezz għal kull parteċipant jiġi ridott għal 33 EUR ir-ras. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tmexxi billi tirreklama l-avviż li ġie kreat lir-residenti b'din l-informazzjoni kollha.

16.10.2.3 L-uffiċjal ta' ITS qalet li tixtieq tikkollabora ukoll mal-Kunsill biex issir sezzjoni oħra fix-xitwa bi ikel sħun, però din tkun trid issir fil-binja tal-ITS minħabba ċertu apparat li jkun hemm bżonn. Il-Kunsill alissa qabel li għandu jara x'parteċipazzjoni ħa jkun hemm għas-sezzjoni ta' ikel kiesaħ u jimxi minn hemm. Kemm il-darba din issir u niex juru interess sew, il-Kunsill jista jikkunsidra jagħmel sezzjoni oħra bl-ikel sħun.

16.10.3.1 <u>Kunsiderazzjoni culvert fi Triq Sant Andrija ma' Triq Enejja</u>

Tressqet talba fuq il-mejda tal-Kunsill biex isir culvert fi Triq Sant Andrija ma' Triq Enejja minħabba l-ilma tax-xita. Is-Sindku qal li avviċinah resident b'din il-problema u hu tal-parir li l-ewwel jiġi l-perit fuq il-post.

16.10.3.2 Il-Kunsilliera qablu li għandu jsir hekk.

16.10.4.1 <u>Kunsiderazzjoni biex jitneħħa parkeġġ – Triq Preziosi</u>

Tressqet talba biex fi Triq Preziosi jitneħħa parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ċċirkulat ritratt tal-parkeġġ indikat.

16.10.4.2 Il-Kunsilliera ħadu nota u ġie deċiż li din l-informazzjoni tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

16.10.5.1 <u>Kunsiderazzjoni biex jiġi rranġat biċċa ħajt fi Triq Ħalmann</u>

Saret talba minn resident biex ħajt tas-sejjieħ li huwa għandu Ħalmann jingħata għajnuna mingħand il-Kunsill biex jiġi rranġat. Is-Sindku spjega kif dan ir-resident meta l-Kunsill kellu fondi taħt M4.4 u ġie avviċinat biex issir tiswija fuq il-ħajt tiegħu, dan ma riedtx minħabba kwistjoni ta' xi siġra li kellu għax beża li ssirilha l-ħsara. Issa li din is-siġra mgħadhix f'posta dan ir-rsident jixtieq li l-ħajt jiġi rranġat.

16.10.5.2 Is-Sur Dalli qal li skond il-liġi mit-triq l-isfel tista tgħinu TM però jekk il-ħajt irid jiġi rranġat mit-triq il-fuq irid jagħmlu s-sid. Is-Sindku tal-parir li l-Kunsill jagħmel spezzjoni u jġib stima ta' x'hemm u forsi tingħata biss għajnua fejn hemm il-periklu. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni.

16.10.6.1 <u>Talba sleeping policeman – Triq N.Cottoner</u>

Tressqet talba biex issir sleeping policeman fi Triq N.Cottoner. L-istess resident kellem lis-Sindku fejn qallu li tista tinqala l-isleeping policeman li hemm ħdejn il-Madonna fi triq Annibale Preca għax m'għadtx għandha użu u barra minn hekk perikoluża kif qiegħda u din tista teħel umbgħad fi N.Cottoner.

16.10.6.2 Il-Kunsill kollu ma sabx oġġezzjoni u ser japplika ma' TM kif dejjem isir l-ewwel.

## 16.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

16.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 07/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €73.09 għax-xahar ta' Ġunju 2025.

16.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 07/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 16.12 Mozzjonijiet

16.12.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 16.13 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

16.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom:
PA 04266/25 – 75, Hyacinth, Triq Robert Mifsud Bonniċi, Lija;
PA 04765/25 – Triq Andrea Zammit, Lija.

16.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jiproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

16.13.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, isiru ittri ta' rappreżentazzjoni fuq:
PA 04266/25 – 75, Hyacinth, Triq Robert Mifsud Bonniċi, Lija;
PA 04765/25 – Triq Andrea Zammit, Lija. – Dwar dan il-PA l-Kunsill kollu qabel li għandu jsir komunikat ukoll mal-Kunsill ta' Ħal Balzan peress li dan l-iżvilupp ser jaffetwa anke lil Balzan u biex b'hekk tidaħħal ittra ta' rapżentazzjoni konġunta bejn iż-żewġ kunsilli b'aktar saħħa.

## 16.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.14.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

16.14.2 Is-Sa Farrugia Muscia qalet li avviċinawha xi nies jirringrazzjaw lil Kunsill taż-żewġ bankijiet li tweħlu fejn l-istages fi Triq K.Ferretti u Triq Annibale Preca. Hija qalet biss li hemm fergħa ta' siġra ħierġa eżatt mill-għalqa ta' fejn il-bank li hemm fi Triq K. Ferretti biex tinżabar. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jintbgħatu l-ħaddiema.

16.14.3 Is-Sa Farrugia Muscia saqsiet ukoll lis-Sindku jekk jistgħux jinżabru l-Oleanders fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u l-Pjazza għaliex minkejja li jagħmlu sabiħ dawn kibru ħafna u qed jwaqqaw ħafna fjuri. Is-Sindku wieġeb kif alissa dawn mhux żmienhom u permessi li jsiru ssa u serħilha rasa li kif ikun il-waqt ser isiru żgur.

16.14.4 Is-Sa Farrugia Muscia reġgħat tkellmet dwar dik il-biċċa ħamrija li hemm meta wieħed jgħaddi minn ġol passaġġ ta' ġol-ġnien maġenb it-Torri. Hija saqsiet jekk din il-biċċa ħamrija tistax titnaddaf u tingħalaq aħjar bi xibka aktar b'saħħitha għaliex in-nies kisruh il-wiring li kien hemm. Hija qalet li tajjeb issir qabel il-festa biex din l-art ma tkunx kaġun li timtela aktar bil-ħmieġ fi żmien il-festa. Is-Sindku qal li din diġà tnaddfet kemm il-darba u anke il-fencing kemm il-darba diġà ġie rranġat mill-Kunsill aktar minn darba. Huwa qal li ħa jara x'jista jagħmel u biex jekk filkas jerġa jingħalaq il-fence pulit, kif dejjem sar.

16.14.5 Is-Sa Farrugia Muscia ssuġġeriet li jiċċaqilqu l-linji tal-parkeġġi fi Vjal it-Trasfigurazzjoni b'mod temporanju minħabba l-arbli tal-festa għaliex meta jipparkjaw il-karozzi dawn qed joqgħodu l-barra. Is-Sindku qal li l-Kunsill mhu ser iċċaqlaq l-ebda linji tal-parkeġġ u għal sena oħra l-Kunsill missu jaħseb u jitħadded ma' tal-armar biex isiru toqob ġodda fuq il-bankina għaliex wiesgħa biżżejjed biex jitweħlu l-arbli.

16.14.6 Is-Sa Abela Penza rrimarkat biex għal żmien il-festa l-Kunsill jkun ċert li l-AED li hemm fil-pjazza qed taħdem kif suppost, ma jmurx jkun il-bżonn li tingħalaq xi emerġenza Alla jħares qatt. Is-Sindku qal kif milux iċċekjaha u tajjeb jidher għadha qed taħdem.

16.14.7 Is-Sa Abela Penza staqsiet jekk il-cameras ta' ħdejn il-bring-in-sites fi Triq il-Mosta mhux qed jaħdmu sew u jekk mhux qed jiġu mmultati n-nies, għaliex ta' sikwiet qed ikun hemm ħafna dumping ma' ġenbhom. Is-Sindku wieġeb kif jaf biha din il-problema għaliex residenti jkellmu lilu ta' kuljum u l-Kunsill kull darba qed jikkomunika mal-Greenpak għaliex jekk ser tibqa tippersisti l-problema jekk filkas dawn is-sites għandhom jitneħħew, għax il-Kunsill ma jridx ħmieġ.

16.14.8 Il-Kunsillier Betts staqsa jekk tistax tingħata powerwash fuq iz-zuntier u l-bankini biex għal festa jitnaddaf ċertu ħmieġ speċjalment dak tal-ħamiem. Is-Sindku wieġeb kif il-Kunsill kemm il-darba ħasel fi żmien il-festa u però wieħed irid joqgħod attent meta issir powerwash għaliex malajr issir ħsara fuq l-armar u jintefah bl-ilma. Apparti minn hekk fit-tender tal-Kunsill m'hemmx li jista jsir powerwash, knis biss.

16.14.9 Il-Ħin kien 10:15am x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fit- 8:30am mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Kemm tingħata konferma mingħand is-Sa Abela Penza minħabba x-xogħol u f'każ ma tistax ssir fil-5:00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Seguna
Segretarju Eżekuttiv